MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

IT-TMIEN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 89/2024-8**

**L-Erbgħa, 29 ta' Mejju 2024**

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-4.00 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Dott. Marlene Cini – Sindku
Is-Sinjura Sandra Grech – Viċi Sindku
Is-Sur Nicky Saliba – Kunsillier
Is-Sur Daniel Cordina - Kunsillier
Is-Sur Baskal Saliba - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

**ASSENTI:**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sna Odette Camilleri - Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Dott. Marlene Cini.

**89.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

89.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**89.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

89.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa nru. 88/2023-8 ġew ċirkulati minn qabel dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

89.2.2 Is-Sindku talbet għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm mill-minuti.

89.2.3 Il-Kunsillier Baskal Saliba talab sabiex titneħħa minuta 88.4.3.8 peress li ma jiftakarx jekk kinx semmieha. Il-membri qablu li titneħħa.

89.2.4 Il-minuti ġew approvati u ffirmati bil-korrezzjoni meħtieġa.

89.2.5 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri li l-aħħar żewġ laqgħat li ġew irekordjati tħassru u dan peress li l-laptop tal-Kunsill ikrexja l-Windows. Il-Kunsillier Baskal Saliba kkonferma dan peress li hu l-IT Manager tar-Reġjun.

**88.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

88.3.1 Is-Sindku fetħet id-diskors tagħha billi qalet li fl-aħħar ħames snin li ilha sservi fil-Kunsill, kemm bħala Viċi Sindku kif ukoll bħala Sindku, minkejja d-diversi sfidi, f'moħħha dejjem kellha l-pjan li trodd lura ħidma siewja biex tħalli lil ta' warajjha ; lokalita' ħajja aħjar milli sabitha u jibqa' jingħatalha l-ġieħ li jixirqilha. Kompliet tgħid li l-finanzi u r-riżosi dejjem kienu limitati izda b'determinazzjoni, onesta' u traspareza dejjem ħadmet biex jinkiseb record ta' fondi.

Qalet li kienu diversi dawk l-entitjaiet li l-Kunsill applika magħhom, fosthom il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar, ir-Reġjun t'Għawdex, id-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzzjoni ta' Policy, LESA, Awtorita' tal-Ippjanar, GAGF u Fondi Ewropej. Qalet li dan l-isforz wassal sabiex f'sentejn u nofs ġiet akkwistata s-somma ta' 'il fuq minn żewġ miljuni.

Irringrazzjat minn qalbha lil dawk kollha li ħadmu qrib tagħha fil-Kunsill, speċjalment lis-Segretarju Eżekuttiv tal-appoġġ kontinwu li dejjem sabet minn naħħa tagħha f'kull proġett u attivita' li ġiet organizzata. Kompliet tgħid li mingħajr il-ħidma u l-impenn ta' bosta ma kinx jiġi akkwistat dak kollu li flinkien ġie akkwistat u ta' dan hija tassew grata.

Sostniet li għalkemm il-pakkett finanzjarju allokat għal lokalita' tagħna kien wieħed ferm limitat, l-Kunsill irnexxilu jagħmel ħafna aktar milli ħaseb. Fakkret li wieħed irid iżomm f'moħħu li l-lokalita' dejjem jkollha l-ispejjes kurrenti għadejjin u għalhekk il-problema finanzjarja dejjem tikber, pero' jekk wieħed joqgħod jinqeda bl-iskuża tal-pakkett finanzjarju limitat jispiċċa ma jagħmel xejn.

Fl-aħħar nett rringrazzjat lil Kunsilliera u l-ħaddiema kollha fi ħdan il-Kunsill preżenti, lil Arċipriet, lil Għaqdiet reliġjużi, l-għaqdiet volontarji u kif ukoll l-għadiet kulturali fi ħdan ir-raħal. Sostniet li mingħajr il-ħidma kollha flimkien, dan ir-raħal ma jistax jiffunzjona għalhekk fakkret fid-dmir biex ilkoll flimkien bħal missirijietna nkomplu ngħatu l-aħjar lil din il-lokalita'.

## 89.4 Komunikjazzjoni mill-Kunsilliera

### 89.4.1 *Komunikazzjoni mill-Viċi Sindku Sandra Grech*

Il-Viċi Sindku bdiet billi qalet li ser tagħlaq l-aħħar laqgħa tagħha b'dispjaċir fejn ilha tagħmel parti minn dan il-Kunsill għal 9 snin u 4 snin oħra fil-Kumitat Amministrattiv ta' Marsalforn. Qalet li hi biss mill-membri preżenti mhix ser tikkontesta għal l-elezzjoni li jmiss. Sostniet li l-Kunsill li jmiss għandu jimxi bi trasparenza u mingħajr ġagbiniżmu. Qalet li ma ġiet infurmata mingħand ħadd

li fi Triq il-Qbajjar kienet ser issir trinka tad-dawl. Opponiet bi kbir għal din it-trinka għax qalet li din it-trinka qiedgħa ssir minħabba l-blokka kbira ta' flats li qed tinbena u li din mhux qedgħa ssir għar-residenti. Kompliet tgħid li t-trinka ma kellhiex issir f'dan iż-żmien minħabba in-negozzji. Qalet li hemm konfużjoni sħiħa u tispera li veru li wara li ssir it-trinka, din it-triq tingħatalha kisja tarmac. Sostniet li hi mhux kontra x-xogħol pero' kontra li jsir f'dawn iż-żminijiet. Wriet id-dispjaċir li hi ma kinitx taf bil-*press conference* li saret viċin id-dar tagħha u li għaliha attendiet biss is-Sindku għax ma ġietx infurmata u staqsiet lil Kunsillier Nicky Saliba jekk hu kienx jaf b'din il-*press conference*. Il-Kunsillier Nicky Saliba iddikjara li hu ma kien jaf b'xejn minn dan li kienet qed tgħid. Oġġezzjonat peress li hi ma kienet fl-ebda ħin infurmata la mis-Sindku u lanqas mis-Segretarja Eżekuttiv dwar it-trinka li kienet ser issir. Qalet ukoll li din hi l-aħħar darba li ser tattendi għal laqgħa peress li l-mandat tagħha jintemm fit-8 ta' Ġunju. Is-Seg. Eżekuttiv fakkritha li l-Kunsilliera preżenti jibqgħu fil-kariga sat-30 ta' Ġunju 2024 u li l-Kunsilliera l-ġodda li jiġu eletti f'din l-elezzjoni, jassumu l-kariga b'effett mill-1 ta' Lulju 2024 skond Cirkulari 4/2024 mibgħuta mid-Diviżjoni għal Gvern Lokali.

Iddikjarat ukoll li hi ma tridx ikollha x'taqsam mar-rapport li għamlet is-Segretarju Eżekuttiv fl-għassa tal-Pulizija peress li mhix ser terġa tikkontesta. Qalet li rat lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv ħerġin mill-għassa u li ma qalulhiex għal xiex marru. Ġiet infurmata li s-Segretarja Eżekuttiva ġiet mhedda waqt il-qadi ta' dmirijietha u billi uffiċċjal pubbliku għamlet rapport l-għassa. Is-Seg. Eżekuttiva wieġbet li kienet infurmat lil membri dak in-nhar stess fuq ic-chat u li sa dak in-nhar kulħadd kien qed jappoġġja pero' wara l-affarijiet minn naħħa ta' ċertu membri nbidlu u ddikjaraw li ma jridux jidħlu f'dan il-każ. Is-Sindku fakkritha li dan il-każ hu fuq is-Seg. Eżekuttiv u għalhekk ma għandhiex tidħol fih. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatha li peress li għamlet ir-rapport l-għassa, il-pulizija bilfors trid tmexxi u tħarrek lil din il-persuna l-qorti peress li hi uffiċċjal pubbliku.

Rigward l-Abode Festival qalet li hi din id-darba ma qablitx li jsir u insinwat li xi ħadd mill-Kunsill ta n-numru tat-telefone lil Lionel Gerada sabiex ikellemha pero' hi ma rrispondix il-*calls* tiegħu. Is-Sindku nfurmata li ma kinx is-Sur Gerada li talab għal permess u li

ma tistax tgħid x'ried jgħidilha la qatt ma weġbitu. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatha illi l-Kunsill irċieva korrispondenza illum stess mingħand l-organizers u li kienet ser tinfurmhom matul din il-laqgħa li dan il-Festival mhux ser issir.

89.4.2 *Komunikazzjoni mill-Kunsillier Nicky Saliba*

Il-Kunsillier Nicky Saliba fetaħ id-diskors tiegħu billi rringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv u lil Viċi Sindku tas-saħna li għadha kif ħadet u ddikjara u ħalef li ma kien jaf xejn rigward Triq il-Qbajjar. Qal li ser jikkontesta għax jemmen fil-ġid li jista' jsir fil-lokalita'. Irringrazzsja lil ħaddiema tal-Kunsill, l-Arċipriet, il-membri tal-kleru u lil għaqdiet kollha għal ħidma tagħhom f'din il-lokalita'. Talab sabiex ikun x'ikun ir-riżultat ta' l-elezzjoni, ikun hawn l-għaqda u ntellgħu l-bandiera taż-Żebbuġ billi kulħadd jaħdem għal għan wieħed.

89.4.3 *Komunikazzjoni mill-Kunsillier Daniel Cordina*

Rigward it-trinka li ser issir fi Triq il-Qbajjar, il-Kunsillier Daniel Cordina sostna li la ser issir it-trinka tad-dawl għandhom jinbidlu s-servizzi ta' l-ilma u d-drenaġġ u dan sabiex din it-triq x'ħin tiġi asfaltata ma terġax tinqala minħabba xi ħsara fis-servizzi. Sostna wkoll li hu ħażin li huma bħala membri tal-Kunsill ma ġewx mgħarrfa bix-xogħol li kien ser isir.

Rigward l-Abode Festival li jsir fejn il-Batterija ta' Santa Marija ddikkjara li hu dejjem oppona għal dan il-festival u li l-pożizzjoni tiegħu qatt ma nbidlet peress li hu dejjem ġab l-interessi tar-residenti.

Rigward l-każ tas-Segretarju Eżekuttiv qal li hu mhux se jidħol f'dan il-każ pero' propona għal ġid taż-żewġ partijiet sabiex jinstab kumpromess ta' għaqda.

Irringrazzja lil membri għal dawn l-aħħar ħames snin u qal li l-Kunsill għandu jħares l-interessi tar-residenti u jkun ta appoġġ lejn kull resident.

89.4.4 *Komunikazzjoni mill-Kunsillier Baskal Saliba*

Il-Kunsillier Baskal Saliba qal li ma tantx baqalu xi jżid ma li qalu l-membri qablu u rringrazzja lis-Segretarju Eżkeuttiv u awgura lil kulħadd għal futur. Kompla jgħdi li f'dawn l-aħħar ħames snin tgħallem ħafna, qal li ma kinx perfett pero' dejjem ħadem għal ġid komuni. Qal ikun hawn min ikun hawn fil-Kunsill importanti li kulħadd ikun stmat l-istess. Irringrazzja lil Arċipriet, l-istaff tal-Kunsill u lil Għaqdiet u talab li dejjem issaltan l-għaqda.

89.5 Approvazzjoni tal-*Annual Report and Financial Statements 2023*

Ġie mistieden l-Accountant tal-Kunsill sabiex jagħti spjegazzjoni dettaljata rigward l-Annual Report u l-Financial Statements.

Beda billi qal li l-awdituri approvaw l-unaudited financial statements li ġie preżentat lilhom fi Frar li għadda. Qal li fis-sena 2023 il-Kunsill ħareġ flus aktar milli daħħal u għalhekk jinsab b'telf ta' €90,739 waqt li d-dejn jammonta għal madwar €110K sa l-aħħar ta' Diċembru 2023.

Il-Kunsillier Baskal Saliba staqsa jekk f'dan id-dejn hemmx ikkunsidrati wkoll il-flus li l-Kunsill għandu jiġbor. L-accountant irrispondih fl-affermattiv. Is-Sindku fakkaret li parti minn dan id-dejn liema ammont jammonta għal madwar €80K huwa fuq iż-żebbuġ playing field li l-Kunsill għadu ma kellhux konferma minn naħħa tad-DPF jekk hux ser jingħata dawn il-fondi u għalhekk qed jiġi assumat li dan l-ammont ser joħroġ mill-fondi tal-Kunsill.

L-*Annual Report and Financial Statements 2023* ġew approvati mill-membri.

89.6 Approvazzjoni tal-ewwel Rapport ta' kull kwart Jannar – Marzu 2024

L-accountant qal li bejn Jannar u Marzu 2024 il-Kunsil għalaq dan il-kwart bi plus ta' €9,000 u għalhekk id-dejn niżel għal €98,550. Fakkar li dawn huma l-aktar tlett xhur kwieti tas-sena.

Qal li id-dejn sar għax saru proġetti kapitali u hemm xogħol ieħor li qed jiġi ffinalizzat bħal issa. Qal li s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill tinsab mal-limitu.

Il-membri qablu li l-ewwel Rapport ta' kull kwart Jannar – Marzu 2024 għandu jiġi approvat.

Is-Sindku rringrazzjat lil accountant ta' l-ispjega tiegħu.

**89.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 58/2024 għall-perjodu ta' Mejju 2024 li tammonta għal €87,372.17 ġiet approvata mill-membri preżenti. Il-Kunsillier Nicky Saliba mhux qed jieħu deċiżjoni fuq l-approvazzjoni tal-kont mibgħut mir-Reġjun t'Għawdex bin-numru 66 fuq l-iskeda ta' pagamenti peress li dan il-kont mibgħut minnu bħala Maniġer tar-Reġjun.

**89.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-4.50 ta' filgħaxija. Id-data tas-seduta li jmiss ġiet *sine die*.

Dott. Marlene Cini
Sindku

Odette Camilleri
Seg. Eżekuttiv